# TRIBUNAL INDUSTRJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU : 2216

**Kaz Numru : 3051/CC**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Alessandro Bruno (I.D.No.046017 A)**

**u**

**GVC New Limited u Gaming VC Corporation Limited jew min minnhom**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu, 2013**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Alessandro Bruno fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-3 t'Awwissu, 2012, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu ma' kienetx wahda valida 'ai termini' tal-ligi ghaliex ma' gewx osservati l-provedimenti tal-Kapitolu 452 u regolamenti sussidjarji fir-rigward. Min-naha ta' GVC New Ltd., sostniet illi hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-Appellant ghaliex dan qatt ma' kien impjegat maghha. Minn naha ta' Gaming VC Corporation Ltd., sostniet li l-impieg ta' l-Appellant gie fi tmiemu minn maghha ghaliex kien gie trasferit lejn il-GVC New LTD 'in seguito' ta' trasferiment ta' negozju.

Fuq talba tas-Socjeta' ntimata Gaming VC Corporation Ltd., it-Tribunal intalab jittratta eccezzjoni preliminari mqajjma u cjoe jekk it-talba ta' l-Appellant hiex preskritta bit-terminu ta' 4 xhur.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn nahat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet ta' l-avukati difensuri.

- **Rapprezentanza**

Alessandro Bruno li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kien assistit mill-Avv. Josette Grech.

GVC New Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata 'A' kienet irraprezentata mill-Avukat Jonathan Thompson. Gaming VC Corporation Ltd. li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata 'B' kienet irraprezentata minn Karl Diacono assistit mill Avv. Paul Gonzi.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien gie ingaggat mas-Socjeta' ntimata 'B' nhar id-9 ta' Gunju 2008 fuq kuntratt indefinit fil-kariga ta' *Customer Service Administartor.* Nhar is-6 ta' Marzu 2012, l-Appellant kien gie nfurmat illi x-xoghol konness ma' Betaland kien ser jigi trasferit lis-Socjeta ntimata 'A'.

Nhar l-10 ta' Marzu 2012, f'laqgha li organizza l-Management tas-Socjeta' ntimata 'B', fejn prezenti kien hemm ukoll rapprezentant tas-Socjeta' ntimata 'A', l-Appellant kien gie offrut impieg mas-Socjeta' ntimata 'A' fl-istess kariga, pero b'kundizzjonijiet differenti. Nhar is-16 ta' Marzu 2012, s-Socjeta' ntimata 'B' infurmat lill-Appellant permezz ta' *E-mail* li jekk sa tlett ijiem wara, ma' jircievux il-kuntrarju, jkunu qed jifmhu li huwa kien qieghed jaccetta li jkun trasferit mas-Socjeta' ntimata 'A'.

Fis-16 ta' Mejju 2012, il-konsulenti legali tas-Socjeta' ntimata 'B' infurmaw lill-Appellant li l-*Lotteries & Gaming Authority* approvat it-trasferiment tal-licenzji konnessi ma' Betaland lis-Socjeta' ntimata 'A' u li ghaldaqstant it-trasferiment tan-negozju sar b'sehh mill-4 ta' Mejju 2012. Fl-istess jum, l-Appellant skopra minghand l-ETC li l-impieg tieghu gie mitmum minn mas-Socjeta' ntimata 'B' b'effett mit-30 t'April, 2012.

Minkejja dan, l-Appellant baqa jattendi ghax-xoghol sal-21 ta' Mejju 2012. U dan f'xenarju fejn ma' kienx jaf ezatt ma' min kien propjament impjegat.
Nhar l-20 u s-26 ta' Mejju 2012, l-Appellant kellu laqghat m'ufficcjali tas-Socjeta' intimata 'A' dwar kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu u li pero ma' kienux konklusivi.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Alessandro Bruno** l-Appellant, beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa kien beda jahdem mas-Socjeta' ntimata 'B' madwar 4 snin ilu bhala *Customer Service Administrator.* Nhar is-6 ta' Marzu 2012, huwa kien gie nfurmat minn Angele Bartolo *HR Manager* li ser ikun hemm *transfer of business* u f'dan il-kuntest nhar l-10 ta' Marzu, 2012, huwa attenda laqgha fejn kien hemm anke prezenti ufficcjali tas-Socjeta' ntimata 'A'. F'din il-laqgha l-Appellant qal li kien gie offrut mpieg, pero b'kundizzjonijiet inferjuri. Fosthom salarju annwali ta' €9000 anqas u minghajr il-beneficcji ta' *private insurance scheme* u *pension plan* li huwa kellu.

Ix-xhud kompla jghid li fil-gimghat ta' wara kienu diversi d-drabi fejn ikkuntattja liz-zewg Socjetajiet dwar certa nformazzjoni, u dan peress li ma' kienx cert dwar kif l-affarijiet kienu qeghdin jevolvu fir-rigward tal-futur ta' l-impieg tieghu. Dwar dan, nhar il-11 ta' Mejju, 2012 ircieva *E-mail* minghand Angele Bartolo *HR Manager* u nhar is-16 ta' Mejju, 2012 ircieva ittra minghand il-konsulenti legali tas-Socjeta' ntimata'B' fejn inghata aktar dettalji u konferma li kien sehh it-*transfer of business* b'effett mill-4 ta' Mejju, 2012.
Fil-waqt illi x-xhud stqarr illi bejn l-20 u s-26 ta' Mejju, 2012 huwa kellu laqghat m'ufficjali tas-Socjeta' ntimata 'A' dwar l-impieg tieghu maghhom u l-kundizzjonijiet relatati, huwa qal li ma' kien intlahaq l-ebda ftehim peress illi huwa kien insista li flimkien mall-kuntratt tax-xoghol , kellu jigi iffirmat *side agreement* li kien jesigi li f'kaz li jigi konfermat li kien sehh *transfer of business* bejn is-Socjetajiet intimati dan il-kuntratt kellu jkun meqjus null u l-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu jkunu 'in conformita' ma' kif tistipula l-ligi f'kaz ta' *transfer of business*.

Fis-16 u fit-28 ta' Mejju, x-xhud qal li mar ghand l-ETC fejn talab *employment history* tieghu u minn hemmhekk skopra illi filwaqt illi l-impieg tieghu kien gie mitmum minn mas-Socjeta' ntimata 'B' u dan b'effett mit-30 t'April, 2012 bir-raguni tkun *transfer of business*, ma' kien hemm xejn li jindika li kien impjegat ma' xi hadd iehor. L-Appellant temm ix-xhieda tieghu billi qal illi huwa baqa jattendi ghax-xoghol sa' nhar il-21 ta' Mejju, 2012 u waqaf peress li ma' kienx cert jekk fil-fatt kienx impjegat u fuq kollox min kien l-*employer* tieghu.

**Angele Bartolo** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija tokkupa l-kariga ta' *Human Resources & Administration Manager* mas- Socjeta' ntimata 'B', fejn ilha tahdem ghal 4 snin. Hija qalet li fis-6 ta' Marzu, 2012 ntbaghtet *E-mail* lill-impjegati fejn gew mgharrfa li hemm *transfer* ippjanat tax-xoghol konness mall-kumpanija Betaland, fejn sussegwentament fl-10 ta' Marzu, 2012 giet organizzata laqgha bejn l-impjegati u rapprezentanti tal-kumpanija l-gdida li lilha kien ser jigi trasferit ix-xoghol ta' Betaland. Kompliet li fis-16 ta' Marzu, 2012 permezz ta' *E-mail* l-impjegati gew mitluba jikkonfermaw jekk humiex jaqblu ma' dak li gie diskuss f'dik il-laqgha. Stqarret li l-Appellant kien wiegeb li huwa qed jaccetta li jigi trasferit ghal mall-kumpanija l-gdida.
Ix-xhud kompliet li fit-3 t'April, 2012, iz-zewg Socjetajiet intimati ftehmu t-termini ta' kif kellu jsir isir t-trasferiment tan-negozju li kien jinkludi t-trasferiment ta' l-impjegati. Dan pero' kien suggett ghall-approvazzjoni tal-LGA. Kompliet li filwaqt li ma' l-ETC t-tmiem ta' l-impieg ta' l-Appellant gie indikat li sehh fit-30 t'April 2012, fis-16 ta' Mejju, 2012, l-impjegati gew mgharrfa permezz ta' ittra li kienet tindika l-4 ta' Mejju, 2012, bhala d-data li sehh it-*transfer of business*.
Ix-xhud filwaqt li qalet li l-impjegati gew imhallsa s-salarji taghhom sa l-ahhar t'April, 2012, qalet ukoll li l-impjegati qatt ma' nghataw kopja ta' dak li kien gie miftiehem nhar it-3 t'April, 2012 bejn is-Socjetajiet intimati.
Fir-rigward ta' x'informazzjoni giet mghoddija lill-impjegati 'ai termini' ta' Artiklu 6 dwar *transfer of business protection of employees regulations*, ix-xhud qalet li kienu ghaddew diversi *E-mails* fejn bazikament kien gie mgharraf li kien ser isir it-trasferiment tax-xoghol ghal ma' kumpanija ohra u li kien ha jkollhom kuntratt gdid maghhom.

**Karl Diacono** xehed li huwa Direttur mas-Socjeta' ntimata 'B'. Huwa ta' spjegazzjoni dettaljata tan-negozjati li ghaddew bejn iz-zewg socjetajiet intimati dwar bejgh ta' parti minn negozju u li kienu damu xhur sakemm waslu ghall-ftehim li gie iffirmat fit-3 t'April, 2012. Ftehim li kien jinkludi kif kien ser jigi trasferit il-*business*, kif ukoll it-trasferiment ta' numru ta' mpjegati.
Ix-xhud spjega li dan il-ftehim kien kundizzjonat mill-accettazzjoni tal-LGA ghat-trasferiment tan-negozju. Accettazzjoni li kienet giet nhar il-4 ta' Mejju, 2012 qal ix-xhud.
Ix-xhud kompla li kienet saret laqghha bejn is-socjetajiet intimati fejn fiha gew spjegati l-obbligi legali li kellha s-socjeta' li kienet qed tixtri u dan fl-ambitu tal-protezzjoni li toffri l-ligi lill-impjegati effettwati minn '*transfer of business*'.
Ix-xhud spjega li skond il-ftehim riferut is-Socjeta ntimata' 'B' kienet obbligata thallas lill-impjegati nvoluti sad-data tal-ftehim u cjoe sat-3 t'April, 2012 kif effettivament ghamlet. Dan ghaliex, skond ix-xhud, it-trasferiment ta' l-impjegati kien sar effettiv minn dakinhar tad-data tal-ftehim.
Ix-xhud stqarr li l-impjegati ma kienux konxji tad-dettalji li kien fih il-ftehim li kien sar bejn is-socjetajiet intimati.
Meta saret referenza ghall-ittra li kienu rcevew l-impjegati minghand is-socjeta' ntimata 'B' fejn kienet tindika d-data tat-*transfer of business* bhala l-4 ta' Mejju, 2012, li kienet l-istess data ta' meta l-LGA accettaw li jsir it-trasferiment tan-negozju, ix-xhud qal li pero l-*effective date of transfer of business* saret fit-3 t'April, 2012.
Mistoqsi jekk min-naha tas-socjeta' tieghu l-impjegati gewx mgharrfa bl-informazzjoni kif tipprovdi l-ligi, x-xhud irrisponda li huwa ma kienx inkarigat mill-komunikazzjoni ma' l-impjegati izda dan l-inkarigu kien ta' Ms. Angele Bartolo.

- **Sintesi tas-sottomissjonijiet tal-kaz**

**Dr. Paul Gonzi** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata 'B', ibbaza l-argumenti tieghu li dan il-kaz ghandu jkun meqjus preskritt ghal diversi ragunijiet fosthom illi l-Appellant fl-10 ta' Marzu, 2012 kien attenda laqgha mas-socjeta' ntimata 'A' fejn fiha kien gie offrut impieg maghha. Dr.Gonzi sostna ukoll illi fis-16 ta' Marzu 2012 l-Appellant kien informa lis-Socjeta' ntimata 'B' illi huwa kien ikkonferma li kien lest li jkun trasferit ghal mas-Socjeta' ntimata 'A'. Barra minnhekk fit-2 t'April, 2012, l-Appellant kien jaf illi s-Socjeta' ntimata 'A' kienet responsabbli ghall-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu, tant illi kien gie mgharraf illi talbiet ghal-*leave* kellhom ikunu awtorizzati mis-Sur Ricci. Dr. Gonzi insista illi l-fatt illi l-Appellant ikkonferma li kien offrut impieg anke jekk b'kundizzjonijiet inferjuri mis-socjeta' ntimata 'A' fl-10 ta' Marzu, 2012, huwa kien obbligat iressaq ir-riferta tieghu sa l-10 ta' Lulju, 2012.

**Dr. Jonathan Thompson** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata 'A', ibbaza l-argument tieghu illi r-riferta ta' l-Appellant ghandha tkun meqjusa preskritta bit-trapass taz-zmien 'ai termini' tal-ligi, fuq il-fatt illi nhar l-10 ta' Marzu, 2012, l-Appellant ikkonferma r-ricezzjoni tal-kundizzjonijiet offerti mis-socjeta' rapprezentata minnu.

**Dr. Josette Grech** ghan-nom ta' l-Appellant sostniet li t-talba ta' l-Appellant tittratta zewg dati u cjoe dik meta gie terminat l-impieg tieghu minn mas-Socjeta' ntimata 'B' u dik dwar in-nuqqas t'osservanza tal-kundizzjonijiet ta' l-impieg precedenti ghat-trasferiment ta' l-Appellant 'da parti' tas-Socjeta' ntimata 'A'.
Dr. Grech argumentat li fir-rigward ta' l-ewwel data, s-Socjeta' ntimata 'B' indikat ma' l-ETC b'mod ufficcjali it-30 t'April, 2012, bhala d-data meta l-impieg ta' l-Appellant gie mitmum minn maghha. Fir-rigward tat-tieni data, Dr.Grech argumentat illi l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' l-impieg mas-Socjeta' ntimata 'A' ma' seghtux jidhlu fis-sehh qabel l-1 ta' Mejju, 2012, ghaliex sal-jum ta' qabel l-Appellant kien ghadu fl-impieg mas-Socjeta' ntimata l-ohra.

Dr. Grech sahqet li l-10 ta' Marzu, 2012, ma' tistax tkun meqjusa bhala d-data effettiva ta' meta sehh dak li qed jallega li sofra l-Appellant anke ghaliex sat-30 t'April, 2012, l-Appellant thallas il-paga mis-Socjeta' ntimata 'B' u ghaliex kien biss fis-26 ta' Mejju, 2012, li kien sar tentattiv min-naha tas-Socjeta' ntimata 'A' sabiex jigi iffirmat kuntratt gdid fejn il-kundizzjonijiet tax-xoghol kienu kontenuti.

- **Decizjoni**

Sabiex it-Tribunal seta' jiddeciedi jekk it-talba ta' l-Appellant u li saret nhar it-3 t'Awwissu, 2012, saritx fit-terminu stabbilit mil-ligi, t-Tribunal ried jistabbilixxi jekk dak li allegatament sofra l-Appellant u li jinkwadra mat-tmiem ta' l-impieg tieghu effettivament sehhx qabel it-2 t'April, 2012, fejn bhala terminu ta' skadenza t-Tribunal qed jimxi skond il-principju ta' '*dies a quo non computator in termine, dies ad quem computator*'.

Tenut kont t'erba' fatti li hargu waqt dan il-process u cjoe :

- Li l-*Employment History* mahruga mill-ETC tindika li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-Appellant minn mas-Socjeta' Gaming VC Corporation Ltd. saret fit-30 t'April, 2012.

- Li fis-16 ta' Mejju, 2012, l-Appellant kien meqjus bhala 'mpjegat' effettwat bit-*transfer of business* fejn ircieva korrispondenza minghand is-Socjeta' Gaming VC Corporation Ltd.

- Li l-Appellant gie mhallas salarju sat-30 t'April, 2012, u baqa' jirraporta ghax-xoghol sal-21 ta' Mejju, 2012.

- Li fis-26 ta' Mejju, 2012, l-Appellant kien ghadu ghaddej bit-trattativi tieghu dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol kemm il-darba huwa jkompli fl-impieg ma' GVC New Ltd.

It-Tribunal isostni li dak li l-Appellant qed jallega li sofra, ma sehhx qabel it-2 t'April, 2012. Ghaldaqstant it-Tribunal ma jilqax l-eccezzjoni tas-Socjeta' Gaming VC

Corporation Ltd., u jiddikjara li r-rikors promotur kien gie sottomess *entro termine*. U allura jordna l-prosegwiment tal-kaz.

**(Iffirmat)**
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**